A.L. 113 ta' l-1991

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1991 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ Ordni ta' l-1991 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ biex Jirregola l-Pagi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1977 tal-Kunsill tal-Pagi dwar il-Prodotti tat-Tafal u l-Ħġieġ biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 98 ta' l-1977.

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fis-17 ta' Lulju, 1991.

Jemenda l-paragrafu 1 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira ta' "paga" li hemm fil-paragrafu 1 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

" "għassies" tfisser persuna li tħares il-proprjetà tal-prinċipal tagħha kontra ħruq, serq, dħul mingħajr permess u cirkostanzi oħra.".

Jemenda l-paragrafu 2 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

3. Il-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-sub-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "sitta u erbgħin siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "erbgħin siegħa"; u

(b) fis-sub-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "erbgħa u ħamsin siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "tnejn u ħamsin siegħa".

Jemenda l-paragrafu 3 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

4. Minflok is-sub-paragrafu (1) tal-paragrafu 3 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Pagi minimi ta' mpjegati *whole-time*.

3. (1) (a) Impjegati *whole-time* fl-industrija, barra minn għassiesa, ikunu ntitolati għal dawn il-pagi minimi fil-ġimgħa, fuq bażi ta'età, kif ġej:

Fl-età ta' 18-il sena jew fuqha	.....	Lm34.13,0
Fl-età ta' 17-il sena jew fuqha	.....	Lm31.22,0
Fl-età ta' 16-il sena jew fuqha	.....	Lm29.99,0

(b) Għassiesa għandhom jitħallsu paga minima fil-ġimgħa ta' Lm34.13c0 indipendentement mill-età tagħhom.".

Jemenda l-paragrafu 8 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

5. Il-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-sub-paragrafu 1 (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "sitta u erbgħin" għandhom jidħlu l-kliem "erbgħin"; u

(b) fis-sub-paragrafu 2 (a) tiegħu, minflok il-kliem "erbgħa u ħamsin siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "tnejn u ħamsin siegħa".

Jissostitwixxi l-paragrafu 9 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

6. Minflok il-paragrafu 9 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Vaganzi bi ħlas.

9. (1) B'żieda ma' l-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu jkunu intitolati għalih impjegati *whole-time* skond il-paragrafu 7, impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn —

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tlitt ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta mpjegat *whole-time* ikun ilu mpjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proporzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u mpjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal vaganza matul l-1988 u l-1989, jumejn *leave* għal vaganza matul l-1990; tlitt ijiem *leave* għal vaganza vatul l-1991 u erbat ijiem *leave* għal vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shut-down* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma' kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.".

Jemenda l-paragrafu 10 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

7. Fil-paragrafu 10 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, minflok l-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".

8. Fil-paragrafu 14 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali". Jemenda l-paragrafu 14 tal-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.